MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Numru 892/2004

**Spettur**

**Yvette Farrugia**

**VS**

**Vincent Debono**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Vincent Debono ta’ 34 sena, bin Anthony u Antoinette nee’ Apap, mwieled Pieta’ fid-19 ta’ Jannar 1970, residenti 59, Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, Kalkara u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 50470M;

Talli;

1) Fit-23 ta’ Awwissu 2004 ghall-habta tat-3.00pm, mill-fergha tal-BOV gewwa l-Marsa, ikkommetta serq ta’ madwar LM 15 fi flus liema serq huwa aggravate bil-mezz u bil-persuna u sar ghad-dannu tal-Bank of Valletta u/jew persuni ohra;
2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta reat li bhala ufficjal tal-pulizija kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 268 u 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax- il xahar mil-lum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------